



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Novembru 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0048(COD)

13695/19
ADD 1

CODEC 1566
STATIS 63
COMPET 710
IA 198

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju, li jħassar 10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka

Ir-Repubblika Ċeka tappoġġa l-prinċipji ġenerali tal-FRIBS u tilqa' għadd ta' aspetti tat-test ta' kompromess. Madankollu l-veloċità tal-proċess tan-negozjati taffettwaha b'mod negattiv.

Ir-Repubblika Ċeka tibqa' konvinta li l-formulazzjoni proposta tal-Artikolu 7(6) hija vaga u ambigwa. Din tagħti lok għal żieda fil-piż amministrattiv. Inqis li jkun estremament importanti li tiġi stabbilita definizzjoni eżatta tal-limitu massimu għall-għadd totali ta' fatturi varjabbli u dan għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar fit-test.

Ir-Repubblika Ċeka għandha opinjoni qawwija li "Ambjent u Klima", suġġett ġenerali introdott mill-Artikolu 20 bħala studju pilota, jmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament u jappartjeni għal leġislazzjoni settorjali speċifika.

Minħabba dawn ir-raġunijiet, ma nistgħux naċċettaw u nappoġġaw b'mod sħiħ it-test ta' kompromess u ser nastjenu mill-vot.
